Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 308/2018

Il-Pulizija
Spettur Arthur Mercieca

Vs

Renald Barbara

Illum 12 ta' Dicembru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Renald Barbara detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 129981M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-21 ta' Novembru, 2013, ikkommetta serq ta' vettura Renault bin-numru ta' reġistrazzjoni SPH 001 għad-dannu ta' Frank Portelli u jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€2,390.24) u għalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna xi ħsara jew ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' għamel ħsara fuq il-vettura SPH 001 għad-dannu ta' Frank Portelli u jew persuni oħra liema ħsara teċċedi iżjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

U aktar talli gewwa dawn il-Gżejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

U aktar talli nhar it-12 ta' Ġunju, 2012, u fil-ġimgħat ta' wara approprja, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuni oħra, is-somma ta' €3,000 għad-dannu tal-kumpanija Jac Steel Ltd u jew persuni oħra, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' tlett elef ewro għad-dannu ta' Jac Steel Ltd u jew persuni oħra.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 261 (b) (ċ) (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278 (1) (3), 279 (b), 280 (2), 289, 293, 294, 310 (1) (a), 325 (1) (a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tal-hames akkuzi, fuq ammissjoni sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' 4 snin u nofs prigunerija.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Finalment il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilità Korettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha **kemm jista' jkun malajr biex jeghleb il-vizzju tad-droga** inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Renald Barbara, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-25 ta' Gunju 2018 u b'applikazzjoni tal-artikoli 17 u 21 tal-Kodici Kriminali, u tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tvarja l-piena inflitta ta' erba' snin u nofs prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena taht l-istess Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 28A et sequitur tal-Kodici Kriminali, jew, sussidjarjament, tnaqqas il-piena ta' erba' snin u nofs prigunerija ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

L-appellant jirriserva d-dritt minn issa li jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel rakkomandazzjoni u talba lill-President tar-Repubblika ta' Malta taht l-artikolu 494 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Renald Barbara huma s-segwenti u cioe`:-

<u>L-aggravju tal-appellant huwa biss ghall-finijiet ta' piena.</u>

L-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti hija obbligata sabiex fis-sentenza taghha tirregistra l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-finijiet ta' piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jammontawx biss ghal gabra tal-fehmiet tal-partijiet u wisq anqas ghall-elenkar tad-dispozizzjonijiet tal-ligi. Il-konsiderazzjoni li ghandha tipproduci l-Ewwel Qorti huma l-fehma tal-istess Qorti wara li tqis mhux biss il-fatti

tal-kaz u l-ammissjoni bikrija tal-appellant, izda c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan mhuwiex biss fid-dmir procedurali tal-Ewwel Qorti izda huwa dritt fundamentali tal-appellant akkuzat sabiex kemm l-istess appellant u s-socjetà jifhmu u japprezzaw kemm il-kwalità, kif ukoll il-kwantità tal-piena inflitta, ir-riforma tal-akkuzat, kif ukoll l-ispjegazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti dwar l-izvilupp tal-prassi gudizzjarja.

F'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti kellha a beneficcju taghha sentenzi tal-Qrati Maltin dwar l-istess appellant, liema sentenzi juru kif l-istess Qrati wrew gustizzja fl-amministrazzjoni tal-piena u dahlu fic-cirkostanzi kollha li jirrigwardjaw 'l-appellant. Minkejja dan, mhux talli l-istess Qorti tal-Magistrati skartat il-konsiderazzjonijiet ta' dawn is-sentenzi (u sentenzi ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali) izda naqset milli tapplika l-principji taghhom meta giet biex tikkundanna lill-appellant.

F'dan is-sens, fl-umli fehma tal-appellant, l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-aspett riformattiv u r-riforma li attwalment qieghed jaghmel u ghadu qed jaghmel l-appellant meta nfliggiet il-piena, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantità. Il-piena inflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Dan ukoll fid-dawl ta' dak kollu li jinghad fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Jannar 2013 u dik tas-26 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet ***Pulizija vs. Anton Vassallo.***

L-appellant illum huwa persuna li, minkejja li ghadu qed jiggieled mal-vizzju tad-droga, qed jaghmel mezz biex jeghleb l-istess u jibda hajtu mill-gdid. Huwa kien sahansitra sab impjieg u kellu iben li llum ghandu madwar sena.

Fil-fatt, it-trapass ta' 5 u 6 snin mir-reati li taghhom huwa gie misjub hati certament kellu jservi ta' attenwant f'dik li hija piena. Dan ukoll, l-Ewwel Qorti ma haditux in konsiderazzjoni.

Maghdud ma' dan, l-Ewwel Qorti kellha wkoll a disposizzjoni taghha sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali. F'din il-kawza, fil-fatt, l-appellant kien talab sabiex l-ewwel Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga a tenur tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta'

Malta. Ghar-ragunijiet spjegati fid-digriet tal-Ewwel Qorti, din it-talba kienet giet michuda u l-appellant qieghed, bil-prezenti, jirriserva d-drittijiet kollha tieghu sabiex jerga' jintavola talba f'dan is-sens a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 25 ta' April 2006, per l-Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet **Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunità a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli appellant jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija imposta fuqu mill-Ewwel Qorti l-aspett riformattiv ma gietx accennat anzi, l-appellant ihoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu tkun biss kontro produttiva f'dan il-kaz.

L-appellant umilment jissottometti illi dan kollu qed jinghad in vista tal-fatt li llum huwa persuna li ghalkemm mhux riformat minn kollox, ghandu l-energija u l-interess shih li jirriforma ruhu (kif effettivament qed jaghmel) u li jerga' lura f'hajja normali ma' ibnu u mas-siehba tieghu, omm it-tifel. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li hawn fuq inghadu.

Fil-kawza Pulizija vs Carmen Butler, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar 2009, il-Qorti kkristalizzat proprju dan il-principju, u cioe' illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tati importanzi lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, **bhal fil-kaz in dezamina**. L-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, **la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla.** F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat kien recidiv, il-Qorti xorta wahda sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi imposta fuqu ordni ta' probation.

Fl-istess sentenza, ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta s-Social Inquiry Report … minn fejn irrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghall-ahhar erba' snin … li tul dawk l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu dehrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003 u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunità sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat, oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali, ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

L-istess qed jinghad f'dan il-kaz. L-appellant digà ghadda minn ostakli kbar u tbatija serja sabiex ibiddel hajtu f'dik ta' persuna ahjar. L-appellant ukoll ghandu jinghata c-cans li jkompli miexi f'din it-triq, specjalment tenut kont li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghal fatti ta' 5 u 6 snin ilu, meta l-istess appellant kien ghaddej minn zmien imtebba' bil-vizzju tad-droga. L-appellant jissottometti wkoll li din il-Qorti ghandha zzomm kont ukoll tan-natura amministrattiva tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra, u li sforz dawn l-imputazzjonijiet, l-appellant inghata piena ta' dsatax-il xahar habs.

Fis-sentenza **<u>Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tghallem hekk: Issa ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li m'ghandhiex fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **<u>Pulizija vs George Farrugia</u>**, fejn l-istess Qorti, wara li rat li l-akkuzat kellu sahansitra 42 faccata fedina penali, b'total ta' 77 kundanna (sitwazzjoni li tmur ferm u ferm lil hinn mis-sitwazzjoni tal-appellant), hija xorta ma qisitx li l-imputat f'dak il-kaz kien f'sitwazzjoni irriversibbli: *<u>"fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta … Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna **a window of opportunity** li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."</u>*

Dan kollu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti anke b'applikazzjoni tad-dispost tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn **"ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li fid-diskrezzjoni taghha, tkun xieraq, ghad li jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat …"**

Huwa vera li in materja ta' piena il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. L-iskop tal-piena, pero', kif tishaq u tghallem din l-Onorabbli Qorti, mhuwiex biss li nies li huma minacca ghas-socjetà jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni – izda l-iskop ewlieni huwa dak tar-riforma tal-hati.

Fis-26 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>Pulizija vs Anton Vassallo</u>** osservat li ***"l-appellant qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm kemm jista' jkun in linea mar-responsabbiltajiet tieghu. Hija ma tqisx li l-appellant huwa minaccja ghas-socjeta' u ghalhekk is-socjeta' ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna tal-ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu".***

Fil-fatt, l-appellant kien beda miexi (u effettivament ghadu hekk miexi) fit-triq it-tajba. Minflok l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dan kollu, l-appellant sab ruhu li jrid ipatti ghal ghemil ta' 5 u 6 snin ilu b'4 snin u nofs habs. Hija proprju din

is-sitwazzjoni li kellha tevalwa l-Ewwel Qorti u fid-diskrezzjoni taghha, bl-applikazzjoni tal-klemenza diskrezzjonali taghha, u bis-setghat kollha li jtuha l-Kap. 9 u l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taghmel gustizzja u taghti kundanna li tirrispekkja l-ghan ewlieni tal-piena f'kamp kriminali, b'mod partikolari f'cirkostanzi fejn l-evidenza kollha tipponta lejn bniedem li, tajjeb jew hazin, qieghed fit-triq li jirriforma ruhu. Piena karcerarja serja bhal dik inflitta mill-Ewwel Qorti se sservi biss ta' piz fuq is-sistema penitenzjarja, ta' rigress fuq il-karattru u kwalitajiet tal-appellant u ta' tbatija fuq familtu, inkluz tifel ta' circa sena.

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu li hawn fuq inghad, din il-Qorti ghandha s-setgha, taht l-Artikolu 494 tal-Kodici Kriminali, li b'rakkomandazzjoni motivata, titlob 'il-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex turi klemenza u tahfer il-piena karcerarja tal-appellant fid-dawl tac-cirkostanzi u fattispeci specjali tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti

Semghet lill-partijiet jittrataw dan il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell i jikoncerna BISS il-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti u jinghad ukoll in primis li ma hux qed jigi indikat li l-ewwel Qorti applikat xi piena haizna fis-sens li ma hiex fil-parametri li tippermetti l-ligi. Pero' l-appellant isostni li fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li minhabba il- progress li huwa rregistra f'hajtu tant li illum anke familja ifforma il-fatt li zamm il-boghod mill-hajja kriminali u l-fatt li naqqas mill-vizju ta' abbuz ta' droga bmod konsiderevoli huma fatturi fil-fehma tad-difiza li jimmeritaw temperament fil-piena.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ Il-Pulizija vs. Spiru Muscat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero' li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**, **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn il-Qorti qalet li:

"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."

Hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha (diversament preseduta ) **fl-ismijiet Il-Pulizija v. Jonathan Attard** :

'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx

Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci**, "mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri). "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler** " :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti ) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard** " )"

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci** , u fil-kaz ta' "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler** " ( citata mill-istess difiza) , jista jghati kaz li jirriżulta Ii fil-mori tal-appell, I-appellant ghamel dak possibbli biex jirriforma ruhu u izomm il-bogh mill-hajja rkiminali f'liema kaz tenendo kont il-passat refletarju tieghu ser tkun proprju seħħet "ċirkostanza.sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

Illli l-appellant tressaq il-Qorti nhar is-27 ta' Frar, 2015 akkuzat fuq reati ta' serq, hsara volontarja, ricettazzjoni misappropriazzjoni, frodi u talli huwa recidiv.

Illi nhar id-29 ta' Mejju 2018 (fol. 246) l-appellant irregistra ammissjoni ghall-akkuzai kif addebitati fil-konfront tieghu. Dakinhar gie ukoll verbalizzat mill-partijiet u senjatament id-difiza indikat lil Qorti li wara tahditiet mal-Ufficcju tal-Avukat

Generali piena ta' 4 snin u nofs prigunerija tkun wahda idoneja fic-cirkotanzi. Cio nonnostante pero' l-ewwel Qorti tenniet gustament li galadarba ma hemmx nota ai termini tal-artikolu 392A (5) tal-kodici Kriminali ma setghetx tippronunzja ruha definittivament fuq il-piena li kienet ser tikkomina f'dak l-istadju

B'sentenza taghha, l-ewwel Qorti nhar il-25 ta' Gunju 2018 fuq ammissjoni inkondizzjonata u volontarja tal-appellant registrata quddiem l-avukat difensur sabitu hati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha u ddikjarat li it-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li dwarha sabitu hati u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha u l-istess dikjarazzjoni saret fir rigward tal hames akkuza liinghatat bhal aalternattiva ghar raba akkuza u konsegwentement astjeniet milli tiehiu konjizzjoni ta' din il-hames akkuza ukoll. Ghalhekk l-ewwel Qorti iddikjarat htija fir-rigward ta' l-ewwel akkuza dwar serq aggravate, tat-tieni akkuza u cioe hsara volonatarja, tal hames akkuza li hi dik li tikkoncerna il-frodi u tas-sitt akkuza li huwa recidiv u kkundannatu ghall-iena karcerarja ta' erbgha snin u nofs.

L-appellant fir-rikros tal-appell tieghu jghid li l-ewwel Qorti ma immotivatx is-sentenza taghha fir-rigward ragunijiet a bazi tieghu kkominat il-piena inflitta. pero' minn esami tas sentenza proprja jirriult al-oppost u dan ghaleix l-ewwel Qorti ghalkemm mhux obblgata skond l-artikolu 382 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta hadet in konsiderazzzjoni is-egwenti ragunijiet li waslulha taghti l-piena moghtija minnha wara kollox dik maqbula bejn il-partijiet skond il-verbal fuq imsemmi, u cioe:-

1. In-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-appellant
2. Il-fedina penali voluminuza tighu
3. L-ammissjoni tieghu li waslet fi stadju ferm tardive
4. Dak li gie konstatat mill-Ufficcjal tal Probabtion u tal parole fejn tul hajtu sa minn zmien l-addoloxxenza hu kien mahkum mill-vizzju tad-droga fejn kien iwettaq reati sabiex jissostanzja da nil-vizju tant mishut.

Ghalhekk mhux gust li id-difiza tgid fir-rikros tal appell taghha l l-ewwel Qorti naqset milli tispjega kif waslet biex tikkundanna lill-appellant dak iz-zmien ta' prigunerija imsemmi fis-setennza taghha.

Il-Qorti ezaminat il-process biex tara l provi li tresqu dwar l-persuna tal-appellant stante li ir reati gew ammessi minnu.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Dr Joseph Tonna** in rappresentanza tad Detox. Ikkonferma li kien ilu jaf lill-appellant sa mis sena 1000 ftit wara li kien beda jahdem hemm meta l-appellant kien ghad ghandu tmintax-il sena meta il-problema ta' abbuz ta' droga kient gja dahlet fil-fond tant li kien gja beda jittaqqab. Minn dak iz-zmien 'l quddiem kompla isegwih naturalment kul meta huwa ghamel kuntatt maghhom. Spjega li kien gie ammess id-Detox fuq bazi volontarja. Qal li dak in-nhar meta xehed fis-sena 2017 l-appellant kellu tlieta u sittin sena (36) appellant u kien ghad ghandu l-problema t'a droga. Qal li Renald baqa jattendi ghall-ghajnuna ghalkemm mhux fuq bazi konsistenti. Jghid li pero' l-involviment tieghu ma kienx daqshekk impenjattiv u kien jixtieq li kieku l-appellant kien wera interess ikbar Spjeg ali anke meta ghamel zmien il-habs l-appellant ipprova ighamel programm pero' l-outcome ma kienx kif staqu huma. Jghamel perijodu tajjeb hafna u perojidu hazing. Perijodu imur ikellimhom u jitlob l-ghajnuna ujiehu l-kura u perijodu izomm 'l boghod minnhom. Qal li din hi esperjenza komuni f'hafna min nies li jiehdu d-droga.

Qal li l-appellant ghandu problemi ukoll socjali. Ikkonferma li minkejja li kiser duffrejgh mal-ligi diversi drabi dejjem pprova jahdem b'xi od jew iehor. Qatt ma qaghad lura u dejjem ipprova jar akif ser ikollu xoghol u mhux jiddependei fuq l-ghajnuna socjali.

Stqarr li l-appellant qatt ma ikkreja l- inkwiet meta kien qed isegwi programm kien persuna ezemplari pero' ghandu bzonn *push* ghandu bzonn pesuna issegwih il- hin kollu u tghidlu "*isma ghandek appuntament, trid tmur,*[1]" "*Irridu niehdulek l-urines,*"

[1] Fol. 166 xhieda ta' Dr Tonna

Ikkonferma li kellu partner u li l-appellant kien anke beda jahseb ghal futur tieghu u kien ighidlu *"irrid nara x'ser naghmel"*. Mistoqsi jekk hux idoneju li jibda programm jghid li ma hux u dan ghaleix gja ghamel il –programm darba darbtejn u ghalhekk jafu sew u ghalhekk ma jiehu xejn minnu. Qal li l-problema ta' ddictin hemm tibqa peo hu necessarju li jkun hemm xi hadd li isegwih mill-vicin.

Rat li l-ewwel Qorti kienet innomnat Probation Officer sabiex thejji Social Inquiry Report u dan sar u gie prezentat minn Maryanne Zammit nhar id-29 ta' Mejju 2017,[2] liema rapport li gie market bhala dok MZ. Ikkonfermat li verament l-appellant ghandu probelma ta' abbuz ta' droga li pprova ighamel programm divesi drabi izda dejjem minghajr success. Qalet li ghandu ukoll fit temperament tieghu tant li anke kien hebb ghall-ommu u hafritlu. Qalet ukoll I kellu tarbija minghand mara mizzewga li gja ghandha hamest itfal taghha u ghalhekk hemm bzonn li jiehu naqra responsabilita f'hajtu.

Minn esami ta' l-atti, tar- rapport tal –Ufficcjal tal- Probabtion u tal- fedina penali tieghu jidher li l-appellant kien ibbenifika minn erba' Ordnijiet ta' Probabtion mill-Qorti tal- Magistrati. L-ewwel darba li l-Ufficcjal tal-Probation giet b'kuntatt mieghu kien meta inghata Ordni tal-Probabtion fit-22 ta' Jannar, 2001 ghall-perijodu ta' tlett snin mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Inghata Probabtion ohra fit-12 ta' Novembru, 2003 ghall-perjodu iehor ta' tlett snin, Probabtion ohra fit-13 ta' Novembru, 2003 u r-raba Ordni inghatat lilu fl-10 ta; Marzu, 2013 ukoll ghall-perijodu ta' tlett snin mill- Qorti tal -Appelli Kriminali. Waqt dan il-peroijodu l-appellant attenda b'mod regolari gewwa id-dipartiment tal Probabtion u Parole izda l-iktar problema predominanti kienet dejjem dik ta' abbuz ta' droga. Tghid il-Probabtion Officer li ghall-ewwel il-progress ta' l-appellant kien miexi bil-mod izda imbaghad dahal isegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra d-droga u dan kien fis-sena 2001 waqt li kien qed jiskonta sentenza ta' habs.

[2] Fol. 173

Jirrizulta li fis-sena 2010 l-appellant rega ghamel kuntatt mal- ufficcjal tal-probabtion meta kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija mill-gdid u fis-sena 2015 l ufficcjal tal–Probabtion hejjiet rapport ghal Bord tal -Parole.

L-Ufficcjal tal-probabtion kienet issugeriet bhala pjan ta' kura li l-appellant jindirizza b'mod serju l problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga li ilha fuqu sa minn ma kien addoloxxenti, ghandu jinghata l- ghajnuna psikologika sabiex ikun jista jindiriza din il-problema kif ukoll il-problema ta' aggressivita u impulsivita li ghandu.

Illi nhar is-17 ta' Gunju, 2019 quddiem din l-istess Qorti kif preseduta l-appellant talab in-nomina ta' Probabtion Officer sabiex ihejji pre sentencing report fil-konfront tieghu stante li l-appell tieghu hu bazat fuq il-kwsitjoni tal- piena. Il-Qorti laqghet it talba in vista tan- nuqqas ta' oggezzjoni tal-Avukat Generali u bl-isperanza li tara xi tibdil fil-hajja tal-appellant minn meta inghata l-ewwel sentenza. Hija tat ir rakomonadazzjoni taghha sabiex tigi nominata l- Ufficcjal tal- Probabtion Maryanne Zammit li kien gja taf lill-appellant professjonalment.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 2019 dehret l- Ufficjal tal-Probabtion u pprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok PO. L-Ufficcjal tal- Probation tat riassunt tal= evalwazzjoni professjonali taghha dwar l-appellant u identifikat id-diversi opportunitajiet li inghata sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jindirizza il-prblema ta' droga tant li anke fis-snin 2017 u 2018 kienet ghadha tipprezenta rapport ifil -Qrati dwar l-andament tieghu.

Interessanti pero' dak li tghid fil-parti ahhari ta' din l-evalwazzjoni u cioe li huwa minnu kif staqarret id- difiza li l-appellant lahaq certu livell ta' stabilita f'hajtu fejn tidhol ir-relazzjoni mal-genituri tieghu u li anke qieghed f'relazzjoni stabbli u sahansitra kellu wild mis-sihba tieghu u li dan il fattur qed johloq certu sodidsazzjoni f'hajtu MADANKOLLU il-problema tat-tehid tad droga baqghet

dejjem prezenti u li hija s-sors ta' 'tfixkil ghal hajtu. Tant li tghid li b'effett ta' dan Renald qieghed jinvolvi ruhu f'attivita kriminali.[3]

L-Ufficjal tal-Probabtion issugerit li din il-Qorti ghandha taghti sentenza ta' prigunerija fil-minimu sabiex l-appellant ikun jista jattendi ghal programm ta' rihabilitazzjoni.

Ikkunsidrat ultejorment,

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Id-difiza fit trattazzjoni taghha issugeriet li din il-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malt.a

Naturalment, il-Qorti ghandha margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna ghal dak li hu apprezzament ta' x'jammonta jew ma jammontax ghal 'ragunijiet specjali u straordinarji.' Imsemmija fl-artikolu 21 tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta pero' il-gurisprudenza nostrana hija ta' insejament fuq dan.

Jinghad per ezempju kif intql fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Simon Camilleri** [4]saret referenza ghal certu fatturi imqajjmin mid-Difiza u cioe fedina penali tal-akkuzat, gravita tar-reati u l-valuri nvoluti u l-Qorti hasset li cirkostanzi bhal dawn semmai jaggravaw il-piena u mhux jimminimizzawha.

---

[3] Mehudmir-rapport tal ufficcjal tal probabtion pagna 10

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Jannar 1999

L-artikolu 21 tal-Kap 9 huwa car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif wkoll fis-sustanza mill-Qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Ghandu jigi interpretat bl-aktar mod strett u l-applikazzjoni tieghu fi kliem l-istess ligi jirrikjedi:

a. ragunijiet specjali u straordinarji, u

b. li dawn r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom jissemmew bir-reqqa fis-sentenza.

Dan l-artikolu qed jitkellem fil-plural u ghalhekk dan jfisser li jrid ikun hemm ragunijiet [mhux raguni wahda] li jkunu specjali, kif wkoll li dawn ghandhom ikunu straordinarji [mhux jew straordinarji] u dawn ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza [vide **Il-Pulizija v Pierre Bugeja** [5] u **Il-Pulizija v Simon Camilleri**[6]].

Kif riteniet din l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Ellul**[7] inghad li *" Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma tirrikjediex sensiela interminabbli ta' ragunijiet straordinarji u specjali"*. Cio nonnostante irid ikun hemm ragunijiet impellanti

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. P. Abela/A. Farrugia Mamo Vs Carmel Sive Charles Zammit**[8] fejn gie rilevat fir rigward ta' meta il-Qorti ghandha tghati piena inqas mill-mimimu stabbilit mill-ligi li:-

*"Kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-meriti tieghu; ….. Wiehed irid iqis kollox: in-natura tar-reati u kif dawn effetwaw lill-vittma jew vittmi (jekk kien hemm…… u hafna u hafna affarijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li tista' telenkahom kollha".*

Fil-fatt kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Borg**[9], gie deciz li l-fatt li wiehed ikollu fedina penali nadifa, lanqas ma tammonta ghal raguni straordinarja

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax (11) ta' Dicembru 1998

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Jannar 1999.

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2015.

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id disgha u ghoxrin -29 ta' Lulju 2002

u lanqas ghal raguni specjali. Multo magis fil-kaz odjern fejn il-fedina penali hija ktieb u l-appellant jippersisti fit tehid ta' droga.

Ir-ragunijiet iridu jkunu verament specjali u straordinarji. Per ezempju kif hemm imnizzel fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Vincent Spiteri**[10] - dewmien esagerat fil-proceduri li f'dan il-kaz zgur li ma hux qed jigi prospettat.

Issa, dwar il-kaz in ezami d-difiza gabet bhala raguni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 ir-raguni li minn dak in nhar 'l hawn l-appellant irranga ir-relazzjoni li ghandu mal-genituri tieghu u li ghandu tarbija u ghalhekk jindika li sab certu stabilita f'hajtu Thoss li in vista tas- sentenza ta' prigunerija li giet mgohtija fil-konfront tal-appellant huwa ma ikunx jista ikompli isahhah ir- relazzjoni li qed jibni mal-familja tieghu ma ibnu u mal–partner. Huwa ix xewqa tieghu li jkompli ihaddan din ir- relazjoni li tant kienet nieqsa f' hajtu u li illum tant qed isahhah fil hajja ta' kuljum. Id= difiza accennat li din ic-cirkostanza ta' stabilita tista titqies bhala raguniji 'gravi' u 'straodinarja'. Din il-Qorti pero' tghid il ragunijiet assurdi jew ordinarji m'ghandhomx jkollhom widen u jitqiesu bhala ragunijiet 'straordinarji'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li din ir-raguni moghtija mid-difiza mhiex raguni starordinarja u lanqas gravi. Il- Qorti tawgura lill-appellant li jkompli isahhah din ir-relazjoni kemm ma ibnu kif ukoll mal-genituri u mal-partner tieghu, pero' ma tistax mill-banda l-ohra tinjora il-hsara li huwa kkaguna lis-socjeta bir-reati ammessi minnu. Lanqas ma jirrizulta li in effeti l-appellant ipprova jikkumpensa lill-vitma ta' dak li ghamel.

Huwa ovvju li l-appellant ma jridx jehles minn din il-problema akuta li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u dan qed jinghad in vista tad-diversi cansijiet li inghataw lilu biex jindirizza il-problema. Mhux talli hekk li anke jaf li ghandu din is-sentenza imdendla fuq rasu ta' erbgha snin u nofs prigunerija u xorta donnu ma hux lest li jindirizza din il-problema b'mod serju. Din il-Qorti ma tistax tabbraccja is-suggeriment tal- Uficcjal tal- Probation li tnaqqas il-piena ta' prigunerija moghtija u

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ( 7) ta' Ottubru 1977

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999

dan ghaliex ma jirrizultax xi cirkostanzi ′straordinarji ′u ′gravi′ kontemplati fl-artikolu 21 tal- kodici kriminali sabiex hija taghmel dan.

Jinghad ukoll wara kollox kif hemm verbalizzat li din hi l-piena li l-istess appellant kien ftiehem dwarha mal-ufficcju tal-Avukat Generali. Ma jidhirx li f′din l-ahhar sena li l-appellant ilu jistenna dan l-appell ghamel xi kambjament f′hajtu li din il-Qorti ghandha tindirizza fis-sentenza taghha tant li kif stqarret l-istess ufficjal tal-Probabtion l-appellant ghadu jabbuza mid-droga. Dan hu inaaccettabli. Jekk verament jixtieq li jsib soljev mill-Qorti fis sentenzi taghha ghandu l –ewwel jghamel sforz u jinidirzza b′mod serju l- problema li huwa ghandu u li ilha fuqu ghal meddda ta′ snin. Din il-Qorti kienet wisq hanina mieghu u tatu wisq cansijiet u minflokk ma gharaf jisfrutthom ghall- beneficcju tieghu kompla ghaddej fil-hajja ta′ kriminalita u jonjora l-opportunitajit li inghata.

Ghaldqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir -rigward tad-dikjarazzjni tal- htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur